MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2194/2002

**Gorg Zammit**

**Vs**

**World Enterprises Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm673.71), prezz ta' servizzi rezi mill-attur lill-kumpannija konvenuta fuq inkarigu taghha stess skond ma jirrizulta mill-invoice numru 1583.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda ta' l-avukat Dr. Ian Spiteri Bailey.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm673.71), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------